

32005R1345

17.8.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 212/13

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1345/2005**tas-16 ta' Awwissu 2005****li jistabbilixxi regoli ddettaljati dwar is-sistema tal-liċenzji ta' importazzjoni fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 865/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni komuni taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 827/68¹, u notevolment l-Artikolu 10(4) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 865/2004 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet partikolari f'dak li jikkonċerna l-ġhoti ta' liċenzji ta' importazzjonijiet għas-settur taż-żejt taż-żebbuġa. Meħtieġ li jiġu previsti regoli ddettaljati partikolari ta' applikazzjoni relatati mal-ġhoti ta' dawn il-liċenzji.
- (2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma komplementarji mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 tal-Kummissjoni tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli².
- (3) Għal raġuni ta' ċarezza u trasparenza, għandu jitħassar, mill-1 ta' Novembru 2005, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1476/95 tat-28 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa³.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2543/95 tat-30 ta' Ottubru 1995 li jistabbilixxi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji għall-

¹ ĠU L 206, 9.6.2004, p. 37.

² ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1741/2004 (ĠU L 311, 8.10.2004, p. 17).

³ ĠU L 145, 29.6.1995, p. 35. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1081/2001 (ĠU L 149, 2.6.2001, p. 17).

esportazzjoni għaż-żejt taż-żebuga⁴, jipprevedi sistema obbligatorja ta' għoti ta' liċenzji ta' esportazzjoni. Bis-saħħa tal-Artikolu 10(3), tar-Regolament (KE) Nru 865/2004, l-għoti tal-liċenzji ta' esportazzjoni ssir miżura fakultattiva u li tiddependi mill-iżvilupp tas-suq. Konsegwentement, meħtieġ li jitħassar ukoll ir-Regolament (KEE) Nru 2543/95 mill-1 ta' Novembru 2005.

- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa u taż-Żebbuġ tal-Ikel,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ddettaljati ta' applikazzjoni għas-sistema tal-liċenzji ta' importazzjoni prevista permezz tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 865/2004.
2. Kull importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1509, 1510 00, 0709 90 39, 0711 20 90, 2306 90 19, 1522 00 31 u 1522 00 39 huma suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' importazzjoni.

It-talbiet għal liċenzji, il-liċenzji kif ukoll l-estratti tal-liċenzji huma stabbiliti fuq formoli konformi mal-kampjuni li jidhru fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

Artikolu 2

1. Biex jiġi akkwistat il-benefiċċju tas-sistema speċjali prevista fir-Regolamenti adottati għat-twettiq tal-ftehimiet konklużi bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi terzi, it-talba ta' liċenzji ta' importazzjoni kif ukoll il-liċenzja għandu jkollhom, fil-kaxxi 7 u 8, l-isem tal-pajjiż terz ikkonċernat.
2. Il-liċenzja ta' importazzjoni tobbliga li jiġi importat, mill-pajjiż terz indikat, il-prodott li jwieġeb għall-kundizzjonijiet previsti fir-regolamenti indikati fil-paragrafu 1, u li għalih inħarġet il-liċenzja.

Artikolu 3

1. It-tul ta' żmien tal-validità tal-liċenzja ta' importazzjoni hu ffissat għal 60 ġurnata mid-data tal-għoti effettiva tagħha, skont l-Artikolu 23(2), tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.
2. L-ammont tal-garanzija relatata mal-liċenzji ta' importazzjoni hu dak ta' EUR 10 għal kull 100 kilogramma ta' piż nett.

⁴ ĠU L 260, 31.10.1995, p. 33. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 406/2004 (ĠU L 67, 5.3.2004, p. 10).

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet li għalihom ingħataw il-liċenzji ta' importazzjoni filwaqt li jispeċifikaw il-kwantitajiet u, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1), minfejn ġejjin l-importazzjonijiet, fil-limiti taż-żmien li ġejjin:
 - a) mhux aktar tard mill-5 ta' kull xahar għall-perjodu mis-16 sal-aħħar tax-xahar preċedenti u mhux aktar tard mill-20 ta' kull xahar għall-perjodu bejn l-1 u l-15 tax-xahar korrenti, f'dak li jikkonċerna l-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, il-punt a), tar-Regolament (KE) Nru 865/2004;
 - b) matul l-ewwel xahar li jiġi wara tmiem ta' kull kampanja, f'dak li jikkonċerna l-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, il-punti b) u c), tar-Regolament (KE) Nru 865/2004 u li għalihom ingħatat liċenzja ta' importazzjoni.

Jekk l-importazzjoni tal-kwantitajiet li għalihom intalbu l-liċenzji fl-Istat Membru jidhru għal dan tal-aħħar li jikkostitwixxu riskju ta' tehdida ta' tfixkil fis-suq, l-Istat Membru għandu jgħarraf minnufih dwar dan lill-Kummissjoni billi jgħarrafha dwar il-kwantitajiet, speċifikati skont il-paragrafu 1, u billi ssir distinzjoni fuq naħa bejn dawk li għalihom intalbu liċenzji, iżda li għadhom ma ngħataw lhomx jew li għandhom ma ġewx aċċettati, u fuq in-naħa l-oħra, bejn dawk li għalihom ingħataw il-liċenzji matul il-ġimagħtejn korrenti.

2. In-notifiki kollha msemmija fil-paragrafu 1, inklużi n-notifiki "nulli", għandhom isiru skont il-mudell riprodott fl-Anness u jintbagħtu lill-Kummissjoni b'mod elettroniku.

Artikolu 5

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 1476/95 u (KE) Nru 2543/95 jitħassru.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2005.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Awwissu 2005

Għall-Kummissjoni
Mariann Fischer Boel
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1345/2005

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ ID-DĠ AGRI .C.2

SETTUR TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA

Kunsinnatur:

Data:

Perjodu:

Stat Membru:

Persuna ta' kuntatt:

Telefown:

E-mail:

Destinatarju: DĠ AGRI. C.2 – agri-hort-prix-ho@cec.eu.int

Notifiki kull ġimagħtejn:

Kategorija	Kwantità	Kodiċi NM (8 numri)	Kundizzjoni (bl-ingrossa jew f'imballaġġ żgħir, 4 numri)
Total għall-kategorija			

Kategorija	Kwantità	Kodiċi NM (8 numri)	Kundizzjoni (bl-ingrossa jew f'imballaġġ żgħir, 4 numri)
Total għall-kategorija			